**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI 24**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

Laqgħa Numru 24 Nhar it- Tnejn 20 ta' April , 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 4:30pm.

**Preżenti:**

- Neville Chetcuti – Sindku
- Aaron Caruana – Kunsillier
- Martin Vella – Kunsillier
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Jessica Borg – Kunsilliera
- Ryan Sciberras – Kunsillier
- Conrad Borg Manche – Kunsillier
- Tania Borg – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- Ralph Mangion – Viċi Sindku

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

**24.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti (Nru 23)**
**24.2.1 Qari tal-Minuti**
Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab il-kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 23. Peress li l-abbozzi tal-minuti kienu tqassmu minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill, dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Ma sar l-ebda kumment u l-minuti ġew ikkunsidrati korretti.
Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 23 ġew approvati.
**Proposta:** Kunsillier Aaron Caruana
**Sekondata:** Kunsilliera Joyce Bray
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**
**24.3.1 Ilma ħiereġ fi Triq Carlo Manché**
Is-Sindku qasam mal-Kunsill li, għalkemm kien hemm ħafna li rringrazzjaw lill-Kunsill għall-installazzjoni tal-barriers fi Triq Carlo Manché, il-Kunsill irċieva aktar talbiet biex dawn jitpoġġew quddiem aktar bibien.
Deċiżjoni: Approvata unanimament.

**24.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti (Nru 23)**
**24.2.1 Qari tal-Minuti**
Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab il-kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 23. Peress li l-abbozzi tal-minuti kienu tqassmu minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill, dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Ma sar l-ebda kumment u l-minuti ġew ikkunsidrati korretti.
Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 23 ġew approvati.
**Proposta:** Kunsillier Aaron Caruana
**Sekondata:** Kunsilliera Joyce Bray
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**
**24.3.1 Ilma ħiereġ fi Triq Carlo Manché**
Is-Sindku qasam mal-Kunsill li, għalkemm kien hemm ħafna li rringrazzjaw lill-Kunsill għall-installazzjoni tal-barriers fi Triq Carlo Manché, il-Kunsill irċieva aktar talbiet biex dawn jitpoġġew quddiem aktar bibien.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

### 24.4 Ġieħ il-Gżira

Il-Kunsill irċieva żewġ nomini għal Ġieħ il-Gżira u kien hemm qbil unanimu fuq ir-rebbieħ.

**Ġieħ il-Gżira**

- Sur Paul Borg

**Unur il-Gżira**

- Sur Joe Ian Attard
- Dr Ian Micallef
- Sur Anthony Buhagiar
- Sinjura Vincenza Attard
- Sur Anthony Abela
- Sur Albert Rizzo
- Hon. Chris Bonett
- Sur Roberto Cristiano
- Dr Conrad Borg Manché

**Apprezzament il-Gżira**

- Dun Joe Bartolo
- Sinjura Josette Sciberras
- Waterfront Hotel
- Sur Eric Calleja
- Sur Fredrick Zammit

**30 Sena ta' Servizz**

- Sur Fabian Borg

### 24.6 Skemi

#### 24.6.1 SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament: Attivitajiet Milied 2026

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li ssir attività fit-12 ta' Diċembru fil-Ġnien tal-Gżira. L-attività ser tikkonsisti f'divertiment għall-familja kollha, inkluż kant minn kantanti Maltin, żfin u logħob għat-tfal.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.
**Anness:** Dok 1

**24.6.2 SPI/SCI/5/2026 – Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità**
Il-Kunsill iddeċieda li jerġa' japplika għal din l-iskema sabiex inkomplu ntejbu x-Xatt billi jiżdied aktar dawl, bankijiet u siġar madwar iż-żona.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**24.6.3 SPI/SCI/6/2026 – Karnival 2027**
Dan il-punt ser jerġa' jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

**24.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**24.7.1 Line Dancing fil-Ġnien**
Is-Sindku spjega li l-Kunsill irċieva ittra sabiex jibda jsir line dancing fil-ġnien. Dawn is-sessjonijiet ser ikunu bla ħlas għal kull min jixtieq jipparteċipa.
Il-Kunsill qabel unanimament li, peress li din l-attività ser tkun bla ħlas u tħeġġeġ lin-nies jiċċaqalqu aktar, għandha tingħata l-approvazzjoni.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**24.7.2 Tombla**
Is-Sindku spjega li reġgħet daħlet talba sabiex issir tombla fil-ġnien bħas-snin ta' qabel.
Il-Kunsill qabel li jagħti l-permess u li jinżamm prezz ta' €10 kull darba li ssir.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**24.7.3 Spark Fest**
Il-Kunsill irċieva email li ser jerġa' jsir Spark Fest fil-Ġnien tal-Gżira fil-21 ta' Ġunju.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**24.7.4 Problema tal-Ilma fi Triq Carlo Manché**
Is-Sindku spjega li fi Triq Carlo Manché hemm problema ta' ilma ħiereġ u li l-Kunsill diġà informa lis-sanità dwar dan il-każ.

**24.8 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera**

**24.8.1** Il-Kunsillier Aaron Caruana ppropona li tkun idea sabiħa li, għall-finali tal-FA Trophy, il-kunsilliera jmorru flimkien.

**24.8.2** Il-Kunsillier Ryan Sciberras staqsa fejn waslet il-camera ta' Triq il-Karmnu. Is-Sindku wieġeb li waslu fl-aħħar fażi.

**24.8.3** Il-Kunsillier Ryan Sciberras staqsa meta ser jingħata t-tarmac fi Triq Carlo Manché u Misraħ Turu Colombo.

**24.8.4** Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hemmx mod kif il-kenniesa jkunu jistgħu jaqtgħu l-ħaxix mal-bankini b'mod aktar frekwenti.

**24.8.5** Infakkru lill-Contracts Manager sabiex jinqatgħu l-palmi tax-xatt qabel il-festa.

**24.8.6** Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk jistax jitqiegħed turf taħt il-bandli sabiex ikunu aktar siguri.
**24.8.7** Il-Kunsilliera Joyce Bray qalet li hija sodisfatta ħafna li n-nies qed jilqgħu l-attivitajiet b'mod pożittiv.

**24.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet**
L-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 23/9 ġiet ippreżentata u eżaminata mill-Kunsill.
**Proposta:** Kunsilliera Jessica Borg
**Sekondata:** Kunsillier Martin Vella
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**24.10 Tmiem il-Laqgħa**
Is-Sindku kkonkluda l-laqgħa fis-6:00 p.m.
Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju 2026, fl-4:30 p.m. fil-boardroom tal-Kunsill Lokali.

**IFFIRMATA:**

**Neville Chetcuti**
Sindku

**Mandy Farrugia**
Segretarju Eżekuttiv

Tania.

Ryan